



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 18 ta' April 2016  
(OR. en)

7419/16

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2016/0041 (NLE)**

---

**COEST 80  
ELARG 31**

**ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA**

Suġġett: Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni li jistabbilixxi Sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u t-Turkmenistan, min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika tal-Kroazja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Rumanija, ir-Repubblika tas-Slovenja, u r-Repubblika Slovakka mal-Unjoni Ewropea

---

PROTOKOLL  
GĦALL-FTEHIM TA' SĦUBIJA U KOOPERAZZJONI  
LI JISTABILIXXI SĦUBIJA  
BEJN IL-KOMUNITAJIET EWROPEJ  
U L-ISTATI MEMBRI TAGĦHOM, MINN NAĦA WAĦDA,  
U T-TURKMENISTAN, MIN-NAĦA L-OĦRA,  
BIEX TITQIES L-ADEŻJONI  
TAR-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA, IR-REPUBBLIKA ĊEKA,  
IR-REPUBBLIKA TAL-ESTONJA, IR-REPUBBLIKA TAL-KROAZJA,  
IR-REPUBBLIKA TA' ĊIPRU, IR-REPUBBLIKA TAL-LATVJA,  
IR-REPUBBLIKA TAL-LITWANJA, L-UNGERIJA, IR-REPUBBLIKA TA' MALTA,  
IR-REPUBBLIKA TAL-POLONJA, IR-RUMANIJA,  
IR-REPUBBLIKA TAS-SLOVENJA, U R-REPUBBLIKA SLOVAKKA  
MAL-UNJONI EWROPEA



IR-RENJU TAL-BELĠJU,

IR-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA,

IR-REPUBBLIKA ĊEKA,

IR-RENJU TAD-DANIMARKA,

IR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-ĠERMANJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-ESTONJA,

L-IRLANDA,

IR-REPUBBLIKA ELLENIKA,

IR-RENJU TA' SPANJA,

IR-REPUBBLIKA FRANĊIŻA,

IR-REPUBBLIKA TAL-KROAZJA,

IR-REPUBBLIKA TALJANA,

IR-REPUBBLIKA TA' ĊIPRU,

IR-REPUBBLIKA TAL-LATVJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-LITWANJA,

IL-GRAN DUKAT TAL-LUSSEMBURGU,

L-UNGERIJA,

IR-REPUBBLIKA TA' MALTA,

IR-RENJU TAN-NETHERLANDS,

IR-REPUBBLIKA TAL-AWSTRIJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-POLONJA,

IR-REPUBBLIKA PORTUGIŻA,

IR-RUMANIJA,

IR-REPUBBLIKA TAS-SLOVENJA,

IR-REPUBBLIKA SLOVAKKA,

IR-REPUBBLIKA TAL-FINLANDJA,

IR-RENJU TAL-IŻVEZJA,

IR-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA' FUQ,

Il-Partijiet Kontraenti għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn hawn 'il quddiem imsejħa l-“Istati Membri”,

u

L-UNJONI EWROPEA, minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Unjoni",

u

IL-KOMUNITÀ EWROPEA TAL-ENERĠIJA ATOMIKA,

minn naħa waħda,

u

IT-TURKMENISTAN,

min-naħa l-oħra,

minn hawn 'il quddiem flimkien imsejħa "l-Partijiet Kontraenti",

BILLI l-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni li jstabilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u t-Turkmenistan, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim"), ġie ffirmat fi Brussell fil-25 ta' Mejju 1998.

FILWAQT LI TITQIES l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakkja mal-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Mejju 2004, l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija mal-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Jannar 2007, u l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Lulju 2013.

BILLI, skont l-Artikolu 6(2) tal-Att dwar il-kondizzjonijiet tal-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakkja u l-aġġustamenti għat-Trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea, l-adeżjoni tagħhom mal-Ftehim għandha tiġi miftiehma permezz tal-konklużjoni ta' protokoll għall-Ftehim.

BILLI, skont l-Artikolu 6(2) tal-Att dwar il-kondizzjonijiet tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija u l-aġġustamenti għat-Trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea, l-adeżjoni tagħhom mal-Ftehim għandha tiġi miftiehma permezz tal-konklużjoni ta' protokoll għall-Ftehim.

BILLI, skont l-Artikolu 6(2) tal-Att dwar il-kondizzjonijiet tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja u l-aġġustamenti għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, l-adeżjoni tagħha mal-Ftehim għandha tiġi miftiehma permezz tal-konklużjoni ta' protokoll mal-Ftehim,

FTIEHMU KIF ĠEJ:

## ARTIKOLU 1

Ir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika tal-Kroazja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Rumanija, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakkja b'dan isiru Partijiet Kontraenti tal-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni li jstabilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u t-Turkmenistan, min-naħa l-oħra u, bl-istess mod bħall-Istati Membri l-oħra, għandhom jadottaw it-testi tal-Ftehim, tal-Protokoll u tad-Dikjarazzjonijiet Konġunti annessi mal-Att Finali ffirmat fl-istess data tal-Ftehim u għandhom jieħdu nota tal-Iskambju ta' Ittri u tad-Dikjarazzjoni annessi ma' dak l-Att Finali.

## ARTIKOLU 2

Wara l-iffirmar ta' dan il-Protokoll, l-Unjoni għandha tikkomunika lill-Istati Membri u lit-Turkmenistan il-verżjonijiet bil-lingwa Bulgara, Ċeka, Estonjana, Kroata, Latvjana, Litwana, Maltija, Pollakka, Rumena, Slovakka, Slovena u Ungeriża tal-Ftehim. Soġġett għad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll, il-verżjonijiet bil-lingwi msemmija fl-ewwel sentenza jsiru awtentiċi taħt l-istess kondizzjonijiet tal-verżjonijiet bil-lingwa Daniża, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Inġliża, Olandiża, Portugiża, Spanjola, Taljana, Żvediża u Turkmena tal-Ftehim.

## ARTIKOLU 3

Dan il-Protokoll għandu jifforma parti integrali tal-Ftehim.

## ARTIKOLU 4

1. Dan il-Protokoll għandu jkun soġġett għar-ratifika, l-aċċettazzjoni jew l-approvazzjoni. skont il-proċeduri proprji tal-Partijiet Kontraenti,. Il-Partijiet Kontraenti għandhom jinnotifikaw lil xulxin meta jkunu tlestew il-proċeduri neċessarji għal dak l-għan. In-notifiki għandhom jiġu depożitati għand is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.
2. Soġġett għad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, dan il-Protokoll għandu jidhul fis-seħħ fl-ewwel jum tal-ewwel xahar wara d-data tad-depożitu tal-aħħar notifika.

## ARTIKOLU 5

Dan il-Protokoll huwa mfassal f'żewġ eżemplari bil-Bulgaru, biċ-Ċek, bid-Daniż, bl-Estonjan, bil-Finlandiż, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bil-Grieg, bl-Ingliż, bil-Kroat, bil-Latvjan, bil-Litwan, bil-Malti, bl-Olandiż, bil-Pollakk, bil-Portugiż, bir-Rumen, bis-Slovakk, bis-Sloven, bl-Ispanjol, bit-Taljan, bl-Ungeriż, bl-Iżvediż u bit-Turkmen, b'kull wieħed minn dawn it-testi ugwalment awtentiku.

B'XHIEDA TA' DAN, il-Plenipotenzjarji sottoskritti, debitament awtorizzati għal dan l-effett, iffirmaw dan il-Protokoll.

GĦALL-UNJONI EWROPEA

GĦALL-ISTATI MEMBRI

GĦALL-KOMUNITÀ EWROPEA TAL-ENERĠIJA ATOMIKA

GĦAT-TURKMENISTAN